## Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Onor. Jacqueline Padovani Grima LL.D.**

REGISTRY SUPERIOR COURT
No: 3347
30 MAY 2017
* PAID *

Fl-Atti tas-Subbasta Nru 60/16

**APS Bank Ltd**

***vs***

**C&M Contractors Ltd et**

## <u>ACCESSI 1</u>

Access mizmum fl-1 ta' Marzu fil-fondi:

- Garaxx ma 185, Triq Santa Katerina, Attard
- Plot f'tal-Handaq fi Triq bla isem li tghati minn Triq A. Coleiro ghal Triq tal-Handaq
- Garaxxijiet numru 7A u 7B f'cul de sac, Triq Giovanni Papaffi Ta' Paris, Birkirkara inkluz passagg

Access mizmum fit-22 ta' Marzu fil-fond:

- Garaxxijiet numru 7A u 7B f'cul de sac, Triq Giovanni Papaffi Ta' Paris, Birkirkara inkluz passagg

Access mizmum fit-28 ta' April fil-fond:

- Villa tal-Virtu, Triq Tal-Virtu, Rabat, Malta

B'kollox l-accessi dawn ħames sigħat

13 ta' April 2017

---

**Relazzjoni tal-Perit Tekniku**
**Perit M'louise Caruana Galea A&CE, B.E&A (Hons), MSc Conservation (Tech.)**

**Relazzjoni Tal-Perit Tekniku M'louise Caruana Galea**

Tesponi bir-rispett:

**<u>Preliminari</u>**

1. Il-Perit sottoskritt giet mqabbda mill-Onorabbli Qorti biex taghti deskrizzjoni tal-fondi, tfisser il-pizijiet, kirjiet u jeddijiet ohra, sew reali, kemm personali, jekk ikun hemm, u taghti valutazzjoni taghhom.

Il-proprietajiet huma:

a. Garaxx f'H'Attard fil-livell tas-semi basement minghajr isem u numru sottostanti proprjeta" ta' terzi numru 185 fi Triq Santa Katerina, gja Triq il-Fuklar, Attard

b. Plot f'Tal-Handaq li jiffurmaw parti mill-artijiet maghrufa 'Tal-Harruba' accessibbli minn triq privata minghajr isem li tizbokka fi Triq tal-Handaq u liema plots huma indikati bin-numri disgha (9) sa tmintax (18) biz-zewg numri inkluz.

c. Zewgt imhazen minghajr isem u minghajr numru li jinsabu fi Triq Bernard Bland f'Ta Paris Birkirkara u li hija ndikata bhala Blokk numru 7 fuq il-pjanta annessa ma' att fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef. Inkluz mal-imsemmija art huwa passagg indikat bl-ahmar fuq il-pjanta annessa mal-att fl-

atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt tal-25 ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (25/01/1993) kif korrett b'att iehor fl-atti tal-istess Nutar tat-3 ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (3/06/1997) u liema passagg ghandu qies superficjali totali ta' tlett mija u tmienja u hamsin metri kwadri (358 m.k.). L-imsemmi passagg huwa accessibli, liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu.

d. L-utile dominium temporanju ghall-perjodu rimanenti ta' mija u hamsin sena li beda fil-15 ta' Awwissu elf tmien mija u tmienja u disghin (15.8.1898) tal-proprjeta" li tikkonsisti f'villa maghrufa bhala Villa Tal-Virtu jew 'Il-Palazz' bil-gonna mdawrin maghha, fil-lokalita' tar-Rabat Malta flimkien mal-art annessa maghha liema art ghandha qies totali approssimattiv ta' sebat elef erba' mija u sebgha u sittin metru kwadru (7,467 mk) suggetta ghac-cens temporanju u annwali ta' sebgha punt sebgha u sebghin Ewro (€7.77) pagabbli lill-Joint Office tal-hmistax (15) ta' Awwissu ta' kull sena, flimkien mad-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, inkluza l-arja sovrastanti taghha u s-sottoswoll sottostanti, u inkluz l-istrutturi mibnija fuqha.

**2.** Illi inadempiment mill-inkarigu lilha moghti, l-esponenti zammet accessi fuq il-fondi mertu tar-relazzjoni fil-presenza tar-rapprezentant tal-APS, is-Sur Charles Massa, Is- Sur Martin Seychell kif ukoll mal-intimat Mr. Charles Mangion. L-accessi inzammu fl-ewwel (1) ta' Marzu, 22 ta' Marzu u 28 ta' April 2017.

## DESKRIZZJONI U VALUTAZZJONI TAL-FONDI

**1. Fond: Garaxx f'H'Attard fil-livell tas-*semi basement* minghajr isem u numru sottostanti proprjeta' ta' terzi numru 185 fi Triq Santa Katerina, gja Triq il-Fuklar, Attard**

*Tip ta' Proprjeta' u Deskrizzjoni:*

Il-fond in kwistjoni jikkonsisti f'*semi basement* garaxx li l-access ghalih huwa minn rampa minn Triq Santa Katarina. Dan il-garaxx huwa sottostanti residenza proprjeta' ta' terzi u huwa liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu. Il-fond jikkonsisti f'garaxx li ghandu fond ta' circa 18m u wisa' ta' circa 6m. Fuq wara hemm bitha li ghandha kejl ta' circa 3m fond u circa 6m wisa'. Il-kejl kumplessiv tal-garaxx bil – bitha ta' wara u il- front garden ta' quddiem huwa circa mija sitta u ghoxrin metri kwadri (156m.k.). Fil-parti ta' quddiem, ghal fond ta' 14m jintuza bhala garaxx u wara dan hemm kmamar li nbnew ricentament. Fost dawn il-kmamar hemm *shower room li* ghandha *is-sanitaryware* inkluz *shower.* L-gholi tal-garaxx huwa 2.4m u l-istruttura, li hija f'kundizzjoni tajba, hija *precast, pre-stressed concrete planks* (planki). Il-finituri huwa fi stat accettabli u jidher illi l-fond huwa mantenut regolarment. L-art hija ccangata bil-madum tac-ceramika, il-hitan u s-soqfa mizbughha bil-water paint, l-aperturi huma tal-injam dawn. Il-garaxx huwa mibni skont il-permessi PAPB 9199/90/2323/90. Ghalkemm kellu enforcement ENF 336/00 jidher li din waqet ghax l-irregolarita' tnehhiet. Peress li l-gholi ta' 2.4m jaqa' taht '*uninhabitable space* '(*DC 2015 Policy and Design Guidelines. Planning Authority*) ghal fini ta' din il-valutazzjoni l-post qed jigi valutat bhala garaxx li jesa sitt karrozzi.

*Valur tal-Proprjeta':*

**Wara li kkunsidra dawn il-punti, l-esponenti tistma din il-proprjeta' libera u franka fl-ammont ta' mitt elf Ewro (€100,000).**

**2. Plot f'Tal-Handaq li jiffurmaw parti mill-artijiet maghrufa 'Tal-Harruba' accessibbli minn triq privata minghajr isem li tizbokka fi Triq tal-Handaq u liema plots huma indikati bin-numri disgha (9) sa tmintax (18) biz-zewg numri inkluz.**

*Tip ta' Proprjeta' u Deskrizzjoni:*

Il-plot ghandu zona superficjali totali ta' circa elfejn mija u tlieta u ghoxrin metri kwadri (2,123m$^2$) u ghandu dritt ta' access perpetwu, minghajr ostakli u mhux interrott f'kull hin bil-pass u bil-vettura mit-triq privata li tizbokka fi Triq tal-Handaq. Jezisti permess PA 6753/05 li gie estiz b'permess numru PA 1504/15: *Renewal to permit PA 6753/05 (Construction of forty six light industry garages, eight warehouses and fifteen garages for vehicles.* Il-plot gie skavat b'erbatax-il filata l-isfel mit-triq u l-pedimenti kif ukoll hitan gew mibnija biex jaqsmu l-ghaxar plots. Is-sit jaqa' taht il-*Central Malta Local Plan (CMLP) for Qormi/Tal-Handaq* u suggetta ghal *policies* Q007,Q008 u CG 15 ghal SME *Small and Medium Sized Enterprises* u suggetti ghal height limitation ta' tlett sulari u penthouse u semi-basement. It-triq hija murija bhala *schemed road* imma din ghada ma gietx ifformata u bhalissa hija passagg bla wicc tat-*tarmac* u mharbta.

*Valur tal-Proprjeta':*

**Wara li kkunsidra dawn il-punti, l-esponenti tistma din il-proprjeta' libera u franka fl-ammont ta' zewg miljuni, mija tlieta u ghoxrin elf Ewro (€2,123,000).**

**3. Zewg imhazen minghajr isem u minghajr numru li jinsabu fi *cul-de-sac* minn Triq Giovanni Papaffy f'Ta Paris Birkirkara. Inkluz mal-imsemmija art hemm il-passagg privat.**

*Tip ta' Proprjeta' u Deskrizzjoni:*

Dawn iz-zewg garaxxijiet jinsabu f'tarf ta' sqaq privata li tisbokka minn Triq Giovanni Pappaffy. Il-garaxxijiet huma indikati bhala Garaxx A u B fuq il-pjanta tar-Registru ta' L-Artijiet hawn Annessa.

Garaxx A huwa garaxx ta' zewg karozzi u ghandu wisa' ta' circa 8m li jghalaq ghal 4.5m u fond ta' 13.7m. Il-garaxx msaqqaf fuq hdax-il filata u ghandu kejl 67m$^2$. L-istruttura tikkonsisti f'hitan tal-gebel u saqaf tal-konkos rinfurzat. L-art hija tal-konkos u il-garaxx maghluq b'bieb tal-hadid galvanizzat .

Garaxx B huwa garaxx ta' zewg karozza zghar ta' wisa' ta 3.8m u fond ta' 9.8m. Il-garaxx imsaqqaf fuq hdax-il-filata u ghandu kejl 38m$^2$. Is- struttura tikkonsisti f'hitan tal-gebel u saqaf tal-konkos rinfurzat. L-art hija tal-konkos u l-garaxx maghluq b'bieb tal-hadid galvanizzat.

Il-passagg privat jaghti minn Triq Giovanni Papaffy, mhux iffurmata, bla wicc tat-*tarmac* u mharbta.

*Valur tal-Proprjeta':*

Wara li kkunsidra dawn il-punti, l-esponenti tistma il-proprjeta' b'dan il-mod:

- **Garaxx A liberu u frank fl-ammont ta' erbghin elf Ewro (€40,000).**

- **Garaxx B liberu u frank fl-ammont ta' hamsa u tletin elf Ewro (€35,000).**

*4.* **L-utile dominium temporanju ghall-perjodu rimanenti ta' mija u hamsin sena li beda fil-15 ta' Awwissu elf tmien mija u tmienja u disghin (15.8.1898) tal-proprjeta' li tikkonsisti f'villa maghrufa bhala Villa Tal-Virtu jew ' Il-Palazz' bil-gonna mdawrin maghha, fil-lokalita' tar-Rabat.**

*Tip ta' Proprjeta' u Deskrizzjoni:*

Din il-proprjeta' hija mifruxa fuq art ta' kejl ta' 7,467m.k (6.64 tomna) u tinsab f'ODZ (*Outside Development Zone*). Il-bini huwa kastell li kien mibni xi 200 sena ilu u ricentement kien hemm xi xoghol ta' restawr li sar fuqu. Minn ricerka fuq is-sit tal-Awtorita' ta' L-Ippjanar, l-esponenti innottat li ghad hemm enforcement fuq dan il-bini bin numru EC 401/10 ' Ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti minn: Skavar u tqattieh ta' blat u bini ta' hitan. Bini ta' struttura msaqqfa bil-madum tat-teracotta u ohra mibnija b'hitan tas-sejjieh u bricks li qed isservi bhala latrina Pavimentar u xoghol ta landscaping Twaqqiegh ta' wiehed mit-torrijiet tal-kastell u bini mill-gdid ta' l-istess torri. Bdil ta' l-uzu tal-post ghal wiehed fejn jigu organizzati tigijiet u receptions.'

Il-valutazzjoni hija limitata **biss** ghal dak indikat fil-Land Registry plan li turi l-kastell u l-art tal-madwar. Ic-cens temporanju huwa ta' €7.77 pagabbli lil Joint Office u jiskadi 31 sena ohra.

*Valur tal-Proprjeta':*

**Wara li kkunsidra dawn il-punti, l-esponenti tistma *l-utile dominium* temporanju għall-perjodu rimanenti ta' 31 sena għall-ammont ta' miljun u tmien mitt elf Ewro ( €1,800,000).**

**Perit Marielouise Musumeci**

**Perit Tekniku**

30 MAY 2017

mill Perit Marielouise Musumeci

b' dokumenti

ILLUM 24 April 2018

DEHER IL-PERIT LEGALI/TEKNIKU Arc Marie Louise Musemeci LI HALEF LI QEDA FEDELMENT U ONESTAMENT L-INKARIGU MOGHTI LILU

DEPUTAT REGISTRATUR

MARVIC FARRUGIA

Rose Marie Vella
D/Reġistratur
Court of Justice (Malta)

PART III
EIGHTH SCHEDULE

## Physical Attributes of Immovable Property

Locality: Tal-Virtu Rabat Malta.

Address: Villa Tal-Virtu, Triq Tal-Virtu, Rabat Malta.

Total Footprint of Area Transferred *: 7,467 sq.mt (House + surrounding land).

*Tick where applicable*

*(Tick one box in each case except where indicated otherwise)*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Type of Property | [x] Villa<br>[ ] Penthouse<br>[ ] Terraced House | [ ] Semi-Detached<br>[ ] Mezzanine<br>[ ] Ground Floor Tenement | [ ] Bungalow<br>[ ] Maisonette | [ ] Flat/Apartment<br>[ ] Farmhouse |
| Age of Premises | [ ] 0-20 years | [ ] Over 20 years | [x] Pre WW2 | |
| Surroundings | [ ] Sea View | [x] Country View | [ ] Urban | |
| Environment | [x] Quiet | [ ] Traffic | [ ] Entertainment | [ ] Industrial |
| State of Construction | [ ] Shell | [ ] Semi-finished ** | [x] Finished *** | |
| Level of Finishes | [ ] Good | [x] Adequate | [ ] Poor | |
| Amenities *Tick as many as appropropriate* | [x] With Garden<br>[ ] No Garage | [ ] With Pool<br>[ ] One Car Garage | [ ] With Lift<br>[ ] Two Car Garage | [ ] With Basement<br>[ ] Multi Car Garage |
| Airspace | [x] Ownership of Roof | [ ] No Ownership of Roof | [ ] Shared Ownership | |

* *Includes all lands and gardens but excludes additional floors, roofs and washrooms*

** *Includes plastering, electricity, plumbing and floor tiles*

*** *Includes ** plus bathrooms and apertures*

Date: 2/6/2017

Perit's Signature: M'Louise Caruana Galea

Warrant Number: 361

Rubber Stamp:

Perit Marielouise Caruana Galea
A & CE, MSc Conservation (Tech.)
44, St. Margaret Street,
Siggiewi SGW 1017
Tel: +356 21 462367
Mob: 9942 8654

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fir-Reġistru ta' l-Artijiet

This is an official document for Land Registry use only




0 50 100 150 200 2

Scale 1:2500

A



**arch. Claude Borg**

**arch-con atelier**

No. 55 triq [illegible]

claude.borg@arch-con.com.mt [illegible]

project title:

**Restoration**
**extension t**

IDENTITY MALTA

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fir-Reġistru ta' l-Artijiet

LR017072




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

IDENTITY MALTA



LR017073




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

LR022399

Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

Fl-Atti tas-Subbasta Nru 60/16 JPG

**APS Bank Ltd**

***vs***

**C&M Contractors Ltd et**

# Nota Addizzjonali tal-Perit Tekniku

**M'louise Caruana Galea**
**A&CE, B.E&A (Hons), MSc Conservation (Tech.)**

**30 ta' Ottubru 2018**

ILLUM....31/10/2018....
DEHER IL-PERIT LEGALI/TEKNIKU...M'Louise Caruana Galea...
ID 466774L....LI HALEF LI QEDA FEDELMENT
U ONESTAMENT L-INKARIGU MOGHTI LILU

DEPUTAT REGISTRATUR

Tesponi bir-rispett:

- Illi taht paragrafu '***Deskrizzjoni u valutazzjoni tal-fondi***' (fol 4), ghandu jizdied dan:

    - **Fond: Garaxx f'H'Attard fil-livell tas-semi basement minghajr isem u numru sottostanti proprjeta' ta' terzi numru 185 fi Triq Santa Katerina, gja Triq il-Fuklar**

      *Tip ta' Proprjeta' u Deskrizzjoni:*

      Il-fond jmiss mill-Grigal ma' Triq Santa Katerina, u mill-kumplament tad-direzzjonijiet tal-boxxla bi proprjeta' tal-Awtorita' tad-Djar.

    - **Fond: Plot f'Tal-Handaq li jiffurmaw parti mill-artijiet maghrufa 'Tal-Harruba' accessibbli minn triq privata minghajr isem li tizbokka fi Triq tal-Handaq u liema plots huma indikati bin-numri disgha (9) sa tmintax (18) biz-zewg numri inkluzi.**

      *Tip ta' Proprjeta' u Deskrizzjoni:*

      Il-fond jmiss mil-Lvant mit-triq privata deskritta u mit-Tramuntana mill-proprjeta' 'GSS Construction Limited'.

    - **Fond: Zewg imhazen minghajr isem u minghajr numru li jinsabu fi *cul-de-sac* minn Triq Giovanni Papaffy f'Ta Paris, Birkirkara. Inkluz mal-imsemmija art hemm il-passagg privat.**

      *Tip ta' Proprjeta' u Deskrizzjoni:*

      Il-fond jmiss mill-Majjistral mal-proprjeta' tal-familja Duffy, u mix-Xlokk mal-plot numru 6, u mil-Lbic mal-plot numru 8 tal-imsemmija art.

    - **Fond: L-utile dominium temporanju ghall-perjodu rimanenti ta' mija u hamsin sena li beda fil-15 ta' Awwissu elf tmien mija u tmienja u disghin (15.8.1898) tal-proprjeta'**

**li tikkonsisti f'villa maghrufa bhala Villa Tal-Virtu jew 'Il-Palazz' bil-gonna mdawrin maghha, fil-lokalita' tar-Rabat.**

*Tip ta' Proprjeta' u Deskrizzjoni:*

Il-fond jmiss min-Nofsinhar u mill-Punent mat-Triq Tal-Virtu, mit-Tramuntana minn passagg li jappartjeni lil Archipescopal Mensa, u mil-Lvant mal-proprjeta' li tappartjeni lil Mensa.

- Illi fol. 6 li tiddiskrivi l-fond **'Zewg imhazen minghajr isem u minghajr numru li jinsabu fi *cul-de-sac* minn Triq Giovanni Papaffy f'Ta Paris, Birkirkara. Inkluz mal-imsemmija art hemm il-passagg privat'** kull fejn hemm imsemmi Triq Giovanni Pappaffy dan ghandu jigi sostitwit bi Triq Bernard Bland.

- Illi f'fol 6, para (5) taht 'Valur tal-Proprjeta' dan il-paragrafu ghandu jinbidel kollu bis-segwenti:

Il-valur tal-garaxxijiet A u B hekk kif immarkat fil-pjanta tar-Registru ta' l-Artijiet annessa kif ukoll is-sehem ta' 1/7th tal-passagg privat immarkat bhala 'C', **ghandu valur ta' hamsa u sebghin elf Ewro (€75,000).**

**Perit Marielouise Caruana Galea**

**Perit Tekniku**

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

Fl-Atti tas-Subbasta Nru 60/16 JPG

**APS Bank Ltd**

***vs***

**C&M Contractors Ltd et**

REGISTRY CIVIL COURT
No. 2335
17 JAN 2022
PAID

## Nota Korrettorja tal-Perit Tekniku

M'louise Caruana Galea
A&CE, B.E&A (Hons), MSc Conservation (Tech.)

13/1/2022

Tesponi bir-rispett:

- Illi b'referenza ghar-rapport peritali datat 13 ta' April 2017, il-paragrafu '***Tip ta' Proprjeta' U Deskrizzjoni*** (para 4, fol 7) ' *Din il-proprjeta' hija mifruxa fuq art ta' kejl ta' 7,467m.k (6.64 tomna) u tinsab f'ODZ (Outside Development Zone).'* ghandu jinbidel fis-segwenti:

  **'Din il-proprjeta' hija mifruxa fuq art ta' kejl ta' xi ghaxar titmiem ekwivalenti ghal xi 11,241m.k hekk kif indikata fil- kuntratt ta'xiri tan-Nutar Maurice Gambin datat tlettax ta' Gunju elf disa'mija u sitta u tmenin ( 13.6.1986) u kif murija mal -pjanta annessa ma dan il-kuntratt indikat bhala Dokument 'B'. Din l-art tinsab f'ODZ (*Outside Development Zone*).**

- Illi il-pjanta tar- registrazzjoni tal-artijiet sottomessa mill- esponenti fil rapport taghha datat 13 ta' April 2017 li tindika l-art f' Tal -Virtu , Rabat Malta, ghandha tigi sosstitwita bil-pjanta annessa ma' din in Nota ta' korrezzjoni.

**Perit Marielouise Caruana Galea**

**Perit Tekniku**

QRATI TAL-ĠUSTIZZJA
IFFIRMATA MAHLIFA QUDDIEMI
ILLUM 17/1/2022
Deputat Registratur
ANNALISE SPITERI

17 JAN 2022
Illum ...
Ipreżentata mill Per.t ML Caruana Galea
B'dok wieħed (1) dokumenti
Annalise Spiteri
Deputat Registratur
Qrati tal-Ġustizzja (Malta)

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fir-Reġistru ta' l-Artijiet
This is an official document for Land Registry use only




Scale 1:2500

0 50 100 150 200 250m

**Gvern ta' Malta**

***Reġistru ta' l-Artijiet***

*Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta*

**Government of Malta**

***Land Registry***

*Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nru tal-Mappa: / *Map Number:* **185596 M** | Pożizzjoni Ċentrali: / *Centre Coordinates:* **x = 46529** **y = 70319** | Parti min S.S.: / *Extracted from S.S:* **4670** | Data: / *Date:* **06/11/2020** |
| Perit: / *Architect:* (signature) | | Qies (metri kwadri): / *Area (square metres):* AREA : 11241 m² | |
| Timbru tal-Perit: / *Architect's Stamp:* **Perit Marielouise Caruana Galea A & CE, MSc Conservation (Tech.) 44, St. Margaret Street, Siggiewi SGW 1017 Tel: +356 21 462367 Mob: 9942 8654** | | Firma ta' l-Applikant: / *Applicant's Signature:* | Dritt imħallas / *Fee Paid* |

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fir-Reġistru ta' l-Artijiet
This is an official document for Land Registry use only

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

Fl-Atti tas-Subbasta Nru 60/16 JPG

**APS Bank Ltd**

***vs***

**C&M Contractors Ltd et**

REGISTRY SUPERIOR COURT
03 OCT 2024

## Nota Addizzjonali tal-Perit Tekniku

**M'louise Caruana Galea**
**A&CE, B.E&A (Hons), MSc Conservation (Tech.)**

**2/10/2024**

Tesponi bir-rispett:

- Illi taht paragrafu '***Preliminari*** **'** (fol 2/3), d-deskrizzjoni tal- fond tal' Tal- Virtu f'para (d) ghandu jinkludi l- kitba b'enfazi miżjud kif indikat hawn taħt:

a. L-utile dominium temporanju ghall-perjodu rimanenti ta' mija u hamsin sena li beda fil-15 ta' Awwissu elf tmien mija u tmienja u disghin (15.8.1898) tal-proprjeta" li tikkonsisti f'villa maghrufa bhala Villa Tal-Virtu jew 'Il-Palazz' bil-gonna mdawrin maghha, fil-lokalita' tar-Rabat Malta flimkien mal-art annessa maghha liema art ghandha qies totali approssimattiv ta' sebat elef erba' mija u sebgha u sittin metru kwadru (7,467 mk) suggetta ghac-cens temporanju u annwali ta' sebgha punt sebgha u sebghin Ewro (€7.77) pagabbli lill-Joint Office tal-hmistax (15) ta' Awwissu ta' kull sena, flimkien mad-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, inkluza l-arja sovrastanti taghha u s-sottoswoll sottostanti, u inkluz l-istrutturi mibnija fuqha, **liema proprjeta' ghandha l-entratura prinċipali taghha minn Triq Tal- Virtu, Rabat , Malta.**

**Perit Marielouise Caruana Galea**

**Perit Tekniku**

Illum - 3 OCT 2024

Ipprezentata minn Perit M.L. Caruana Galea

bla dok/b /dokumenti.

Graziella Aguru Cassar
Deputat Reġistratur

Illum 24 t'Ottubru 2024
Deher il-Perit Legali / Tekniku: Perit ML Caruana Galea KI 466774 (M)
Li wara li ddikjara li thallas l-ammont lilu dovut, halef/halfet li qeda/qdiet fedelment u onestament l-inkarigu moghti lilu/ha.

Deputat Reġistratur